MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2004

Rikors Numru. 15/2002/1

Victor u Pauline konjugi Lanzon bhala legittimi rapprezentanti ta’ binhom minuri Matthew Lanzon u b’nota tat-13 ta’ Ottubru, 2003 Matthew Lanzon assuma l-atti peress li ghandu tmintax il-sena

vs

Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti,

**RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Victor u Pauline mizzewgin Lanzon bhala legittimi rapprezentanti ta’ binhom minuri Matthew Lanzon li esponew:

Illi r-rikorrent proprio twieled fit-23 ta’ Awissu 1984 u la ghandu l-vot u l-anqas jista’ jsuq vetturi peress li ghadu minuri, u ghal din ir-raguni jmantnuh il-genituri tieghu.

Illi fl-24 ta’ Novembru 2000, meta r-rikorrent kellu sittax-il sena u tlett xhur, waqt li huwa kien qieghed fil-klassi gewwa l-Junior College, gew ghalih il-Pulizija, li dahhluh go kamra ma’ genb il-klassi u fittxewlu fuqu. Minn jeddu huwa qal lill-Pulizija li kellu tliet bicciet cannabis fil-basket li kien xtara ghall-prezz ta’ Lm5.

Illi huwa kien gie arrestat mill-Pulizija li haduh fl-Ufficcju ta’ l-Iskwadra ta’ kontra d-Droga, il-Marsa, fejn gie interrogat mill-Pulizija mmexxija mill-Ispettur Josric Mifsud. Wara li, fuq rikjesta mill-Pulizija, huwa wriehom il-Karta ta’ l-Identita` tieghu u qalilhom li kellu sittax-il sena, l-Ispettur kompla jinterrogah, minghajr il-prezenza ta’ l-ebda wiehed mill-genituri tieghu jew tal-principal tal-Junior College jew almenu ta’ xi ‘probation officer’. Ghall-ewwel staqsieh mistoqsijiet dwar il-pussess tal-cannabis, imbaghad ghadda biex staqsieh domandi dwar bejgh jew ‘traffikar’ tal-cannabis. Giet mehuda stqarrija minghandu datata 24 ta’ Novembru 2000 fis-1.00pm. Din l-istqarrija ttiehdet waqt li r-rikorrent kien izolat u mbezza’ hafna, bl-Ispettur Mifsud jghidlu li jiehu d-droga u li jbiegh id-droga u r-rikorrent sahansitra beda jirtghod bil-biza’. L-Ispettur Josric Mifsud wara li wissieh, beda jghidlu li jkun jaqbel ghat-tnejn jekk jikkollabora.

Illi meta, ghall-habta tas-2.00pm, l-Ispettur Josric Mifsud spicca jiehu din l-istqarrija minghand ir-rikorrent, huwa talbu n-numru tal-mobile phone tal-genituri tieghu u cempel lil ommu u talabha tmur fl-Ufficju ta’ l-Iskwadra ta’ kontra d-Droga. Meta ommu u missieru waslu fl-Ufficju fil-Marsa, sabu li l-Ispettur Josric Mifsud kien diga` baghat lil binhom ir-rikorrent, akkompanjat mill-Pulizija, fir-residenza taghhom f’Marsascala sabiex jaghmlu tfittxija fl-imsemmija residenza taghhom, jigifieri, fl-assenza tas-sidien tad-dar u l-genituri tar-rikorrent. Din it-tfittxija mhux approvata tat rizultat negattiv.

Illi waqt it-tfittxija fil-kamra tar-rikorrent, wiehed mill-Pulizija beda jinsisti mieghu li hu qed jiehu d-droga Ecstasy u sahansitra ghollielu l-kappell ta’ ghajnejh filwaqt li kompla jakkuzah li jiehu l-Ecstasy.

Illi r-rikorrent tressaq quddiem din il-Qorti fil-11 ta’ Frar 2001 u gie akkuzat li:

a) “kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis

b) biegh jew xort’ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis

c) u nakkuzah ukoll talli kkommetta dawn ir-reati f’post, fi jew gewwa centru, u/jew f’distanza ta’ mitt (100) metru mill-perimetru ta’ post fejn jiltaqghu z-zaghazagh”

Illi fil-kaz **Averill vs United Kingdom** deciz fis-6 ta’ Gunju 2000, il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem iddikjarat illi l-assistenza legali ghandha tigi garantita lil kull persuna qabel ma din tigi interrogata mill-Pulizija u rriteniet illi kien hemm vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba nuqqas ta’ access ghall-assistenza legali.

Illi l-istess principju legali gie ribadit fil-kaz **Magee vs United Kingdom** deciz mill-Qorti Ewropea wkoll fis-6 ta’ Gunju 2000.

Illi s-sentenza wara dawn iz-zewg decizjonijiet importanti tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, is-sitwazzjoni legali f’Malta baqghet l-istess, jigifieri, illi persuna li tigi interrogata mill-Pulizija m’ghandhiex dritt ghall-assistenza legali. Fit-Turkija, persuna arrestata ghandha dritt ghall-assistenza ta’ avukat.

Illi barra minnhekk, ir-rikorrent ma giex trattat b’mod xieraq u gust ghall-eta` tieghu. Huwa gie assoggettat ghall-procedura intimidatorja, li sahansitra l-adulti jsibuha intimidatorja. Kieku l-kaz gara tliet xhur aktar kmieni, ir-rikorrent l-anqas kien jitressaq quddiem din il-Qorti izda quddiem il-Qorti tal-Minorenni.

Illi diga` ma kenitx haga korretta li r-rikorrent jigi interrogat dwar ir-reat ta’ pussess ta’ cannabis fl-assenza ta’ xi

wiehed mill-genituri tieghu. Izda meta mbaghad l-Ispettur Josric Mifsud kien ser ighaddi biex jinterrogah dwar ir-reat ta' traffikar, li jimporta piena obbligatorja ta' prigunerija, xejn ma kien jiggustifikah talli naqas li jsejjah lil xi hadd mill-genituri tieghu biex ikun prezenti in vista tal-fatt li kien ghad kellu biss sittax-il sena u tliet xhur.

Illi inoltre, f'dan l-ambjent intimidatorju u ta' izolament u fid-dawl tad-diskors li ntqal lilu li jkun jaqbel jekk jikkollabora, r-rikorrent – in vista ta' l-eta` tieghu – ma kellux l-ghazla effettiva u hielsa li jibqa' sieket, liema dritt huwa moghti lil kull persuna li tkun qed tigi investigata dwar il-kommissjoni ta' reat.

Illi dan kollu juri li l-ligi ma tipprovdix harsien adegwat ghall-minuri (taht it-tmintax-il sena) hekk kif huma ma jibqghux minorenni (i.e. taht is-sittax-il sena) waqt li jkunu qeghdin jigu interrogati mill-Pulizija.

Illi l-agir tal-Pulizija gie rez aktar gravi peress illi, fir-rigward ta' l-allegati reati li qeghdin jigu addebitati lir-rikorrent, il-ligi in materja, jigifieri l-Kapitolu 101, timponi piena karcerarja obbligatorja.

Illi din is-sena gie promulgat Att tal-Parlament, li l-parti kbira minnu dahal fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2002, li jipprovdi ghall-assistenza legali lil kull persuna interrogata mill-Pulizija.

Illi dan kollu jikkostitwixxi lezjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lill-Qorti biex taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettiq tad-drittijiet imsemmija fil-precitati artikoli, fosthom (1) billi tiddikjara illi kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem waqt l-interrogatorju tar-rikorrent Matthew Lanzon, (2) billi

tiddikjara l-istqarrija tieghu inammissibbli u (3) billi jinghata kumpens xieraq ghal dawn il-lezjonijiet tad-drittijiet fondamentali.

Bl-ispejjez.

**RISPOSTA:**
Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li espona:

Illi hu gie notifikat bir-rikors promotur fit-28 ta’ Gunju 2002 fit-8.00 a.m. meta l-kawza kienet appuntata ghad-9.00 a.m.

Illi ghalhekk l-intimat filwaqt illi rriserva illi jaghmel risposta aktar dettaljata, ipprezenta risposta preliminari.

Illi l-punti li l-intimat issolleva kienu s-segwenti:

1. Li l-azzjoni hija irritwali billi l-kwistjoni dwar l-*ammissibilita` o meno* tal-istqarrija hi kwistjoni li trid tigi indagata fl-ewwel lok quddiem il-Qorti ta’ gurisdizzjoni kriminali.

2. Illi ghalhekk ghal dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent hemm rimedju ordinarju.

3. Illi l-emenda ghal Kodici Kriminali li taghti dritt ghal assistenza legali waqt l-interrogatorju ghadha ma gietx in vigore u di piu` l-istess att illi introduca dik l-emenda jinkludi disposizzjoni fis-sens illi n-nuqqas illi jigu segwiti l-proceduri in kwistjoni ma jgibx bhala konsegwenza awtomatikament in-nullita` tal-istqarrija dment illi ma jkunx jirrizulta mic-cirkostanzi li l-istqarrija ma kenitx volontarja.

Rat il-lista tad-dokumenti tal-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota tal-istess Matthew Lanzon tat-13 ta’ Ottubru 2003 li biha assuma l-atti tar-rikors peress li ghandu tmintax-il sena.  Rat in-nota tat-13 ta’ Ottubru, 2003 ta’

Victor u Pauline konjugi Lanzon proprio li biha ddikjaraw li issa li binhom ghandu tmintax-il sena u qed jassumi l-atti f'ismu proprio, iridu jibqghu fil-kawza f'isimhom proprju ghal kull interess li jista' jkollhom. Rat il-verbal tal-24 ta' Novembru, 2003 fejn il-Qorti wara li semghet lil Dr. Peter Grech ghall-intimat laqghet it-talba tieghu sabiex Matthew Lanzon jassumi l-atti tal-process ghalkemm ma laqghetx it-talba tal-konjugi Victor u Pauline Lanzon li jibqghu fil-kawza u dan minhabba li n-nota taghhom kienet irrita fis-sens li meta gie intavolat ir-rikors mill-konjugi Lanzon bhala legittimi rappresentanti ta' binhom minuri Matthew Lanzon kienu qed jistitwixxu l-kawza ghan-nom ta' binhom u mhux f'isimhom propriju.

Semghet l-abili difensuri.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Xehed Matthew Lanzon li semma li fl-24 ta' Novembru 2000 waqt li kien f'lesson il-Junior College, kienu gew ghalih l-Ispettur Josric Mifsud u zewg pulizija ohra. Qal li ghamlulu strip-search u hu mill-ewwel qalilhom li fil-basket kellu tliet bicciet tal-cannabis. Kienu haduh il-headquarters tad-Drug Squad fil-Marsa fejn staqsewh kemm fuq pussess kif ukoll fuq traffikar ta' droga. Fis-1.00 p.m. interrogawh u sarulu diversi mistoqsijiet liema interrogatorju dam xi siegha. Matul l-interrogatorju ma kien hemm hadd li kellu armi, anqas kien hemm xi tisbit, u anqas ghajjat ma kien hemm. Qal li hu kien imbezza pero` kien qed jirtoghod matul hafna mill-hin. L-Ispettur wissieh li dak li jghid jista' jingieb bhala prova kontrieh kif ukoll qallu li jekk jikkollabora mal-Pulizija ssemmiha fil-Qorti. Ma kienx cert li l-Ispettur qallu "jaqbillek titkellem" pero` kien zgur li diversi drabi qalulu li jekk jikkollabora jsemmiha l-Qorti.

Peress li kellu xi tickets ta' xi party li kien bi hsiebu jbiegh, kienu staqsewh jekk jiehux id-droga ecstasy u hu qalilhom li le. Domandi ohrajn ma staqsewhx. Qal li waqt l-

interrogatorju la hadd gheddu u anqas tah xi daqqiet. Dak il-hin deherlu li ahjar jitkellem. Semma li wara haduh biex issir search id-dar u hu ma kellu cans ikellem lil hadd u ghalhekk staqsa jekk hux ser javzaw lill-ommu u l-missieru. Meta waslu d-dar ma kien hemm hadd tant li kien hu li fethilhom. Din is-search damet xi nofs siegha. Qal li ma sar ebda accenn biex il-pulizija jinfurmaw lill-genituri tieghu li qeghdin ifittxu fid-dar. Qal li l-aktar li damu jfittxu kien fil-kamra tieghu. Meta dahlu fil-kamra wiehed mill-pulizija qallu "jidher li inti tmur il-parties, jiena gieli rajtek". Il-pulizija l-iehor qallu "jidher li inti tiehu l-ecstasy u jidher minn ghajnejk" u qabad u ghollielu ghajnejh b'subajgh, qallu "ghax ghandek l-ahmar". Fuq mistoqsija mill-Qorti Lanzon qal li dan il-pulizija jidhirlu li rah darb' ohra l-Qorti pero` kien liebes pajzan u ghalhekk ma setax jehodlu n-numru.

Semma li fil-kamra tieghu ma sabu xejn u wara komplew is-search fil-bqija tad-dar fejn ma nstab xejn. Fil-kamra tieghu s-search kienet pjuttost estensiva li bdew johorgu l-affarijiet kollha u jarawhom. Matul is-search diversi drabi qalulu li jekk ghandu xi haga jaqbillu jitkellem. Qal li barra l-incident ta' ghajnejh f'ebda hin ma messewh u heddewh. Semma li kellu certu biza' fuqu ghalkemm ma kellhomx armi. Qal li meta waslu l-Marsa sab lill-genituri hemmhekk mal-Ispettur. Semma li mhux mill-ewwel kien kellem lill-genituri tieghu izda baqa' diehel dritt ghand l-Ispettur izda wara dahlu l-genituri tieghu wkoll.

Ma ftakarx jekk kienx gie muri kopja u qrawlu l-Kapitolu 101 sezzjoni 29 fuq id-drogi. Hu jahseb le imma ma kienx cert. Waqt l-interrogazzjoni ftakar li l-Kapitolu 101 issemma imma ma ftakarx li ra dak il-file.

Xehed <u>Victor Lanzon</u> missier Matthew li semma li fid-data msemmija l-mara kienet cemplitlu u qaltlu li kienu cemplulha l-pulizija u ftehmu li mmorru fuq il-post. Xi ghaxar minuti wara li rcieva t-telefonata kienu qeghdin il-Marsa ghand il-pulizija. Meta dahlu jkellmu lill-Ispettur kienu hu, il-mara u l-Ispettur u kien hemm pulizija u surgent iehor. L-Ispettur qalilhom x'kien instab fuq it-tifel fil-Junior College u prattikament kien hassu hazin.

Semma li hu jahdem bhala manager fuq strutturi tal-hadid u l-mara tieghu teacher.  Qal li meta staqsa lill-Ispettur fejn hu t-tifel dan qallu li kien baghathom jaghmlu search. Meta qalilhom ghaliex l-anqas biss avzawh biex ikun prezenti l-ispettur accertah li l-pulizija li baghat kienu nies tal-affari taghhom u ghalhekk ix-xhud nehha ftit mill-inkwiet li kellu.  Wara li l-Ispettur spjegalhom il-proceduri, wasal it-tifel id-Drug Squad u l-Ispettur qalilhom biex johorgu barra sakemm hu jkellem lit-tifel.  Semma li meta staqsa lill-Ispettur jekk setghux jiehdu lit-tifel dan qallhom mhux ghal dak il-hin.  L-ewwel ried joqghod ftit aktar maghhom u jirritornaw lura ghall-habta ta’ xi 6.00.  Fil-fatt fis-6.30 it-tifel intbaghat lura d-dar mieghu.

Xehed l-Ispettur Josric Mifsud li semma li fl-24 ta’ Novembru 2000 kienu nfurmati li fil-Junior College Gian Frangisk Abela kien hemm guvni li kellu fil-pusses tieghu il-kannabis.  Marru ghamlulu search bil-premess tal-Head of Department u fil-basket sabu li kellu tlett bicciet tal-Cannabis.  Qal li kien il-guvni stess li tahom din il-kannabis.  Wara kien gie arrestat u mehud id-Drug Squad ghal aktar investigazzjoni fejn kien irrilaxxa stqarrija li kien iffirma.  Wara li kien gie moghti s-solita twissija, Matthew Lanzon kien stqarr illi darbtejn minnhom kien biegh bicctejn minn dik ir-resin ghall-prezz ta’ zewg liri.  Il-kannabis kienet fil-basket ta’ l-iskola mat-tissues.  Lanzon kien tahom xi informazzjoni fuq persuni minghand min kien xtara d-droga u minn fejn kien xtraha.

Semma li Lanzon kien daqsxejn imbezza minhabba li kienet l-ewwel darba li gie arrestat pero` ma jiftakarx li kien qed jirtghod.  Qal ukoll li Lanzon kien agitat u dan induna mill-komportament tieghu.  F’xi hin Lanzon xtaq jitkellem ma’ xi hadd tal-familja tieghu tant li tahom il-mobile numbers taghhom.  F’dak l-istadju pero` ma kienx possibbli ghax Lanzon kien ghadu taht arrest.  Kif spiccaw l-investigazzjonijiet imbaghad gew il-genituri tieghu.  L-ispettur qal li hu ma hassx il-htiega li Lanzon ikollu access ghall-genituri tieghu f’dak l-istadju ghax Lanzon huwa persuna adulta.  Semma li ma ftakarx jekk f’xi hin Matthew bblenkja u maghhom l-ispettur rah li kien kalm il-hin kollu.

L-ispettur ikkonferma d-dokumenti li gew esebiti li huma relattivi ghal charge sheet, conviction sheet, ix-xhieda tieghu, certifikat minn Drugs Community Services u x-xhieda ta' PC 123 Saviour Galea u risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija ghar-rikors tal-imputat tas-27 ta' Mejju 2002. Ikkonferma wkoll id-depozizzjoni li tidher mad-dokumenti li kien ta hu stess. Ftakar li fl-okkazjoni in kwistjoni kien ta search warrant biex titfittex ir-residenza tas-Sur Victor Lanzon pero` ma ftakarx min kienu l-persuni tal-korp tal-Pulizija li kellhom imorru. Setghu kienu PC 246 Vincent Cesare u PC 255 Anthony Mangion pero` ma kienx cert.

Xehed PC 123 Savior Galea li kkonferma li kien prezenti meta giet rilaxxata l-istqarrija minn Matthew Lanzon. Semma li Lanzon fil-hin ta' l-istqarrija kien kwiet, ma bekiex izda kien naqra eccitat. Waqt l-istqarrija kienu prezenti hu, l-Ispettur u Lanzon u ma deherlux li kien hemm xi hadd iehor. Lanzon kellu sittax-il sena u dak il-hin kien l-iskola. Semma li ma kellux cans ikellem lill-genituri tieghu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**:
Illi l-intimat principalment ippremetta illi l-azzjoni odjerna hija irritwali billi l-kwistjoni dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija hi kwistjoni li trid tigi indagata fl-ewwel lok quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali. L-istess intimat issottometta ukoll illi in vista ta' dan ghal-ilment tar-rikorrent kien hemm rimedju ordinarju.

***A. EZAWRIMENT TAR-RIMEDJI ORDINARJI***
Il-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni taghna jghid illi:

"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra"

U l-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 u cioe' l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea jghid illi:

"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall- ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ordinarja ohra"

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet Joseph Arena noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et deciza fis-16 ta' Novembru, 1998 qalet illi:

**"**Jekk il-principju ta' non ezawriment tar-rimedji ordinarji jista' jitqies li hu – nehhi eccezzjonalment – wiehed prattikalment assolut fir-rigward tar-rimedju taht il-Konvenzjoni Ewropeja specjalment fil-kuntest tad-dritt ta' rikors quddiem dik il-Qorti, mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' dak il-principju ghar-rimedju taht il-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni imkien ma tesigi la espressament u lanqas implicitament li r-rimedji disponibbli taht xi ligi ohra kellhom necessarjament ikunu gew ezawriti biex il-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha kostituzzjonali tkun tista' tiehu konjizzjoni tal-mertu. Waqt li ghandu jkun ovvju illi r-rikors lill-Qorti Kostituzzjonali in tutela ta' allegat ksur tad-dritt fondamentali jew theddida tieghu kellu bhala regola jkun l-ahhar tarka ta' protezzjoni gudizzjarja ghal dan id-dritt - u f'dan is-sens hi gustament il-gurisprudenza kostanti - id-dritt ghar-rimedju kostituzzjonali ma huwa bl-ebda mod <u>soggett</u> ghal din il-kondizzjoni. Ma taghmilx fil-fehma ta' din il-Qorti sens is-sottomissjoni ta' l-appellanti illi ma jkunx jezisti <u>dritt ta' access</u> skond il-Kostituzzjoni lil din il-Qorti jekk u sakemm ir-rimedji ordinarji ma jkunux gew ezawriti. L-appellanti qeghdin infatti jikkonfondu d-dritt sostantiv tal-ksur tad-dritt fondamentali li jkun jezisti oggettivament una volta l-lezjoni tkun tista' tigi hekk kwalifikata skond l-ilment una volta provata, mar-rimedju procedurali li l-istess Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni jipprovdu ghall-protezzjoni ta' dak il-jedd u meta u sa fejn dan seta' jigi ezercitat. Il-fatt li skond il-Kostituzzjoni il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghandha d-diskrezzjoni li taghzel li ma tiddeklinax li tezercita s-setghat taghha nonostante li kienet sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ta' l-allegat ksur kienu jew

ghadhom disponibbli favur ir-rikorrent taht xi ligi ohra, hu ndikattiv mhux biss li kontrarjament ghal dak sottomess mill-appellanti, il-Kostituzzjoni tqis rilevanti l-ksur tal-jedd fondamentali fih innifsu u mhux ir-rimedju jew rimedji accessibbli ghal parti leza imma wkoll li ma tqisx dikjarazzjoni tal-esistenza ta' dak il-ksur jew ta' theddida tieghu dipendenti mill-fatt jekk kienx jezisti jew le rimedju biex jigi rettifikat taht xi ligi ohra."

Fl-istess sentenza ta' **Arena** hawn citata inghad ukoll illi: "n-non ezawriment tar-rimedji ordinarji mhux eccezzjoni formali stante li l-Qorti tezercita diskrezzjoni jekk tghatix rimedju jew le biss jekk u meta jirrizulta rimedju iehor effikaci kontra l-allegat ksur ta' dritt fondamentali. Il-principju kostituzzjonali huwa li l-Qorti Kostituzzjonali hi marbuta li tghati u ghandha tghati rimedju hlief fejn tkun sodisfatta li ma jkunx hemm rimedju xieraq u adegwat taht xi ligi ohra. Pero' mhux eskluz li taghti wkoll rimedju kostituzzjonali fil-kazijiet fejn jirrizultalha illi r-rikorrent kellu wkoll xi rimedju taht xi ligi ohra. Stabbilit li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili kellha kull jedd li ma tiddelinax li tezercita s-setghat taghha <u>anke kieku kienet sodisfatta li l-appellant kellu mezz xieraq ta' rimedju aliunde</u> u li dan setghet taghmlu fl-ezercizzju tal-poteri diskrezzjonali li l-istess Kostituzzjoni ttiha, anke f'dan il-kaz ghandu jkun evidenti illi l-ezistenza tal-ksur tal-jedd fondamentali ma kienx jiddependi mill-fatt li l-parti leza ma kellhiex dritt ta' ridress ghal rimedju xieraq taht xi ligi ohra - fil-kaz taht ezami quddiem il-qrati ordinarji biex jissindikaw l-operat tat-tribunali amministrattivi (*judicial review*) kif suggerit mill-appellanti. Anke jekk dan jista' b'xi mod imgebbed jigi argumentat fir-rigward tal-procedura taht l-Att XIV tal-1987, dan certament ma jistax ikun applikabbli ghall-proceduri taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Ir-riferenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja f'dan il-kuntest hi biss allura parzjalment rilevanti u bl-ebda mod ma tista' tikkostitwixxi ostakolu dirimenti tal-proceduri prezenti tentata mill-appellati".

Finalment inghad ukoll fl-imsemmija sentenza ta' **Arena** illi: "fir-rigward ta' proceduri ghall-harsien tal-jeddijiet fondamentali taht il-Konvenzjoni Ewropeja gie rikonoxxut

mill-Kummissjoni li jista' jkun hemm cirkostanzi specjali meta l-applikant ikun mehlus mill-obbligu li jezawrixxi rimedji domestici anke jekk ikunu adegwati u effettivi. Iddecidiet li jista' jkun hemm cirkostanzi fejn ma jkunx ragonevoli li wiehed japplika din ir-regola b'mod strett. (Vide Reed -vs- United Kingdom [Number 7630/76] u Hilton -vs- United Kingdom [Number 5613/72])".

Hekk ukoll inghad fil-kawza fl-ismijiet Joseph Briffa v. Kummissarju tal-Pulizija, deciza fil-21 ta' Novembru, 1994, intqal hekk:
"Dwar il-proviso li qed jaccenna ghalih l-intimat, li hu in sostanza identiku ghall-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti dejjem irriteniet li "l-akkoljiment o meno ta' l-artikolu citat hu fid-diskrezzjoni taghha. Il-Qorti la trid li jsiru kawzi Kostituzzjonali bla htiega u lanqas tista' timpedixxi cittadin milli jippromwovi azzjonijiet simili meta jidher "prima facie" li ghandu kaz serju li jista' jimplika ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem" (Oliver Siracusa noe. v. L-Onorevoli Prim Ministru noe. et., P.A. 21/1/88, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Novembru, 1989; ara wkoll Alfred Balzan v. Onor. Prim Ministru et., P.A. 28/9/90, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Jannar, 1991). Fi kliem iehor id-diskrezzjoni taht il-proviso in kwistjoni ghandha dejjem tigi wzata **fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja**, **biex minn naha l-wahda din il-Qorti ma tigix inundata b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra, u minn naha l-ohra c-cittadin ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap. 319.** Dan il-hsieb gie espress bl-aktar mod car minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-5 ta' Dicembru, 1986 fil-kawza fl-ismijiet Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et. (decisa finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991) fejn intqal hekk:
"Il-legislatur Kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita' ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn banda l-wahda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anki hesrem, lil min jipprova

jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."

Fil-kaz odjern hemm certi aspetti tal-vertenza li setghu jaqghu fl-ambitu tal-gurisdizzjoni jew kompetenza ta' Qorti b'gurisdizzjoni Kriminali bhall-*ammissibilita' o meno* tal-istqarrija, izda aspetti ohra tal-vertenza, bhal l-allegat ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 u cioe' l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem jezorbitaw mill-funzjoni ta' dik il-Qorti b'gurisdizzjoni Kriminali.

Fi kwalunkwe kaz, kif ga inghad, ir-rimedju ghall-allegat ksur tal-Artikolu 39 u/jew l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 u cioe' l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem f'dan il-kaz jista' biss ragjonevolment jinkiseb b'dawn il-proceduri, u ghalhekk ma hemmx lok li din il-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha skond l-Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap. 319 dwar hafna mill-aspetti salv dak li ser jinghad dwar l-*ammissibilita' o meno* tal-istqarrija rilaxxata mir-rikorrent

***B. ID-DRITT O MENO TA' ASSISTENZA LEGALI WAQT L-ARREST***

Il-partijiet f'din il-kawza ghamlu referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-arrest. Il-posizzjoni tal-partijiet hija kemm xejn differenti dwar dan il-punt u dan l-ghaliex filwaqt li r-rikorrenti jsostni illi bniedem arrestat ghandu jkollu dritt ghal-assistenza legali u mhux jinzamm "incommunicado detention", l-intimat jsostni illi galadarba d-dritt ta' l-inferenza ghadu ma jifformax parti mill-ligi sostantiva taghna, dan id-dritt ta' assistenza legali ma jisusistix. Illi dan il-punt li qieghed jittanta jqajjem ir-

rikorrent huwa previst fl-emendi ghal-Kodici Kriminali li saru bl-Att III tas-sena 2002 ghalkemm dan l-artiklu tal-ligi ghadu ma dahalx fis-sehh.

Illi din il-Qorti kif preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet Karl Heinrich Muscat vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija deciza fis-17 ta’ Jannar, 2002 kienet qalet illi:
“… minn ezami akkurat tal-gurisprudenza kemm lokali kif ukoll internazzjonali jirrizulta li l-persuna ghandha d-dritt li meta tkun akkuzata b’ reat kriminali jkollha smiegh xieraq fi zmien ragjonavoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’ ligi. Kull min ikun akkuzat b’ reat kriminali ghandu jigi nfurmat bil-miktub dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkuzat u moghti zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu kif ukoll ikollu d-dritt jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta’ rapprezentant legali sezzjoni 39 para 6(c). Dan id-dritt tar-rapprezentanza legali huwa d-dritt ta’ min ikun akkuzat b’ reat kriminali. Tali dritt ma jezistix fil-kaz ta’ persuna suspettata b’ reat u meta jkunu ghadhom biss ghaddejjin investigazzjonijiet minn awtoritajiet kompetenti anke jekk dawn isiru fil-kors ta’ proceduri li jinvolvu l-arrest ta’ persuna, l-ghoti ta’ stqarrija inkluz depozizzjonijiet bil-gurament quddiem Magistrat li jkun qieghed imexxi inkjesta. Infatti meta inkjesta tkun ghadha miexja persuna ma tkunx ghadha giet akkuzata b’ reat.”

Issemmew il-kazijiet ta’ Averill vs The UK u John Murray vs The UK [u f’dan il-kaz odjern issemma l-kaz ta’ Magee vs The UK] u d-dritt taghhom li jkunu mill-ewwel assistiti b’ rapprezentanza legali izda f’ dawk il-kazijiet dan kien importanti minhabba d-dutrina legali tal-inferenza li setghu gew maghmula mill-Qorti waqt il-proceduri. Tali inferenza ma tistax – sa’ issa – isir fis-sistema legali nostrana u ghalhekk tali principju tad-dritt tar-rapprezentanza legali meta bniedem ghadu mhux akkuzat b’ reat kriminali ma jistax japplika”. (Ara ukoll f’dan is-sens Il-Kummissarju tal-Pulizija George Grech vs Id-Direttur Generali u Registratur tal-Qrati et deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fis-17 ta’ Jannar, 2002).

Imkien fil-kazistika li jirreferi ghaliha r-rikorrent, m'hemm enuncjat li xi minorenni ghandu d-dritt imsemmijin minnu jew li, jekk wiehed ma jaghmilx l-interrogazzjoni kif qed jiddeskriviha hu, allura dan ser ifisser li hemm xi ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti jsostni li "l-ligi naqset li taghti protezzjoni adegwata lill-minuri waqt l-interrogazzjoni". Izda r-rikorrent ma semma' ebda trattat internazzjonali li Malta hija parti kontraenti tieghu, li jesigi li l-minuri jkunu trattati b'mod differenti waqt l-interrogazzjoni.

Ir-rikorrent ikkwota l-kaz ta' Saunders versus U.K. dwar id-dritt li wiehed izomm is-silenzju u ma jitkellem xejn. Dan id-dritt huwa wara kollox sancit bil-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikolu 39 (10) tal-Kostituzzjoni taghna. Dan id-dritt huwa moghti *"at his trial"* ghaliex l-investigazzjoni mill-Pulizija mhix *"trial"*.

Ir-rikorrent iccita wkoll il-kaz ta' John Murray versus U.K. (8th February, 1996). Sostna li f'dan il-kaz, il-Qorti Ewropea qalet li wiehed ghandu d-dritt ghall-assistenza ta' avukat mill-bidu tal-proceduri. Izda hawn ir-rikorrent mhux qieghed jikkwota sew ghax r-rikorrent halla barra element li ghadu kemm gie introdott fl-emendi li saru fil-Kodici Kriminali. Fil-qosor, malli jidhol fis-sehh l-Artikolu partikolari ta' l-emendi, l-imputat ikollu dritt li jkun assistit minn avukat. Izda jekk huwa jibqa' sieket, allura l-Qori tkun tista' taghmel certi inferenzi meta tigi biex tindirizza lill-gurati jew taqta' l-kaz.

Izda fis-sistema taghna s'issa l-Ligi ma ttik l-ebda dritt ghall-assistenza ta' avukat meta qed tkun interrogat. Min-naha l-ohra, s'issa mis-silenzju **biss** ta' l-imputat ma kienx legittimu li jsiru inferenzi mill-Qorti. Ir-rikorrent halla barra parti mill-paragrafu 66 u dak li ma ntqalx huwa importanti hafna:
"The court is of the opinion that the scheme contained in the Order is such that it is of paramount importance for the rights of the defence that an accused had access to a lawyer at the initial stages of police interrogation. It observes in this context that, under the Order, at the beginning of police interrogation, an accused is

confronted with a fundamental dilemma relating to his defence. If he chooses to remain silent, adverse inferences may be drawn against him in accordance with the provisions of the Order. On the other hand, if the accused opts to break his silence during the course of interrogation, he runs the risk of prejudicing his defence without necessarily removing the possibility of inferences being drawn against him."

Fil-kaz ikkwotat ukoll mir-rikorrent Averill versus the U.K. (6 ta' Gunju, 2000) u hawn ukoll ta min isemmi li r-rikorrent ikkwota biss mill-press release. Ghal darb'ohra, il-kaz li qed ikun ikkwotat qed jirreferi ghal sitwazzjoni legali u fattwali differenti. Mis-sentenza nnifisha jidher car li l-kumment tal-Qorti jghoddu biss fejn tezisti l-Order ta' l-1988. Fil-paragrafu 60, il-Qorti Ewropea esprimiet ruhha hekk:
"The situation in which the accused finds himself during the 24-hour period is one where the rights of the accused may be irretrievably prejudiced on account of the above-mentioned dilemma which the Order presents for the accused. The fact that the applicant maintained his silence after he had seen his solicitor cannot justify the denial. Nor does the Court's conclusion as to the drawing of adverse inferences from the applicant's silence serve to legitimate the authorities refusal to provide him with access to a solicitor during the first 24 hours of interrogation. It suffices to note that the trial judge did in fact invoke the applicant's silence during the first twenty four hours of his detention against him."

Ir-rikorrent semma wkoll il-kaz ta' Magee versus the U.K. (6 ta' Gunju 2000) u hawn ta' min isemmi li dan il-kaz u ta' qablu inqatghu fl-istess jum u kienu qed jirreferu ghall-istess sitwazzjoni. Hawn ukoll ir-rikorrent ikkwota mill-Press Release. Izda jekk wiehed jikkwota mis-sentenza jsib:
"The Court accepts that the administration of a caution to an accused person pursuant to Article 3 of the 1988 Order may place the latter in a dilemma at the beginning of the interrogation. On the one hand, if he chooses to remain silent, adverse inferences may be drawn against him in

accordance with the provisions of the Order. On the other hand, if the accused opts to break his silence during the course of the interrogation, he runs the risk of prejudicing his defence without necessarily removing the possibility of inferences against him. Under such conditions, the concept of fairness requires that the accused have the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of the interrogation.*"*

***C. IL-KWISTJONI DWAR ARREST TA' MINURI***

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet Roger Ruggier pro et noe vs Supretendent tal-Pulizija Carmelo sive Charles Galea et deciza fis-26 ta' Mejju, 1999 irriteniet illi:

"Ma hemmx ghalfejn jinghad illi l-ligi penali tgharaf li l-minuri wkoll, fi gradi differenti, ma kienux inkapaci li jifformaw intenzjoni kriminuza u li jezegwixxu tali intenzjoni. Kienu biss il-minuri taht id-disa' snin li l-ligi tqis li kienu ezenti mir-responsabbilita' kriminali ghal xi att jew ommissjoni li jkunu wettqu, u li l-ligi tal-pajjiz kienet tqis li hu agir kriminuz."

Indubbjament persuna li ma tkunx ghalqet l-eta maggoritarja, salv ghal dak li ghadu kif inghad hija passibbli ghall-proceduri kriminali ghal atti kriminuzi minnu kommessi, anke jekk il-ligi, tenut kont ta' l-eta` tieghu, kienet tipprovdi certi salvagwardji fil-mod kif l-istess minuri kellu jigi processat u, jekk misjub hati, punit.

Illi l-Kostituzzjoni fil-paragrafu (g) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 34 tipprovdi illi:

"(1) Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-liberta personali tieghu hlief kif jista' jkun awtorizzat b'ligi fil-kazijiet li gejjien, jigifieri:

(g) fil-kaz ta' persuna li ma tkunx ghalqet it-18-il sena ghall-iskop ta' l-edukazzjoni u gid taghha".

Dan l-artikolu tal-ligi jipprovdi illi persuna taht it-tmintax-il sena tista' tigi arrestata basta pero' tali arrest huwa intiz ghal skop ta' edukazzjoni jew ghal gid ta' l-istess minuri.

Fl-imsemmija sentenza ta’ **Ruggier** il-Qorti Kostituzzjonali sostniet illi:

“is-subinciz (g) ma huwiex esklusiv tas-subincizi l-ohra ta’ l-istess artikolu, imma hu intiz biex jissanzjona c-cahda tal-liberta’ personali tal-minuri fejn il-ligi hekk tezigi li jkun mehtieg ghal skop ta’ edukazzjoni u gid taghhom. Hu car illi waqt li fil-kaz ta’ persuni maggorenni l-Kostituzzjoni ma tippermettix illi dawn setghu jigu mcahhda mil-liberta’ personali taghhom ghall-iskop ta’ l-edukazzjoni u gid taghhom, il-Kostituzzjoni taghraf li dan jista’ jsir fil-kaz tal-minuri. Dan proprju ghaliex l-interess suprem tal-minuri ma kienx bhala regola dettat minnhom stess, imma minn min kien, skond il-ligi, responsabbli ghall-kura u l-kustodja taghhom. Il-Kostituzzjoni riedet allura f’dan is-subinciz tassigura illi fl-interess suprem tal-minuri, ma jkun hemm xejn x’josta illi dawn, fejn hekk ikun mehtieg, jigu privati mil-liberta’ personali taghhom, meta dan ikun mehtieg ghall-iskop ta’ l-edukazzjoni u ghall-gid taghhom minghajr ma tali privazzjoni ta’ liberta’ tigi meqjusa li kienet vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tal-minuri ghal-liberta’ personali.

Dan kollu ma jfissirx allura li l-minuri ma kellux jitqies li kien “persuna” ghall-fini tal-paragrafi l-ohra ta’ dan is-subinciz. Hekk, per ezempju, minuri li jkunu ragonevolment suspett li kien ta’ mohh marid jew moghti ghan-narkotici jew xorb jew vagabondagg, seta’ certament jigi pprivat mil-liberta’ personali tieghu ghall-iskop tal-kura jew trattament tieghu jew ghall-protezzjoni tas-socjeta’. Certament seta’ l-minuri jigi mcahhad mil-liberta’ personali tieghu biex jigi evitat t-tixrid ta’ mard infettiv jew kontaggjuz, jew sabiex jigi evitat id-dhul illegittimu tieghu jew l-espulsjoni u l-estradizzjoni tieghu minn Malta. Dawn u ohrajn huma l-limitazzjonijiet ghad-dritt fondamentali ghal-liberta’ personali elenkati fil-paragrafi (a) sa (j) ta’ l-artikolu 34 (1) tal-Kostituzzjoni li japplikaw ghall-minuri daqskemm japplikaw ghal kull persuna ohra f’Malta.

Din il-Qorti allura m’ghandha ebda dubbju li l-paragrafu (f) tas-subinciz (1) ta’ dan l-artikolu jipprovdi illi qatt ma kellu jigi privat mil-liberta’ personali tieghu hlief, kif jista’ jkun

awtorizzat b'ligi "fuq suspett ragonevoli li huwa jkun ikkommetta jew ikun sejjer jikkommetti reat kriminali" japplika wkoll ghall-minuri daqskemm japplika ghal kull persuna ohra.

Ma jista' jkun hemm assolutament l-ebda dubbju illi jekk il-ligi kriminali tqis illi minuri ta' 15 [fil-kaz in ezami 16]-il sena kien kapaci li jikkommetti reat u l-ligi zzommu responsabbli ghalih, ma setghax ma jkunx konsegwenzjali illi s-socjeta' jkollha d-dritt illi tipprivah mil-liberta' personali meta jkun jissussisti kontra tieghu s-suspett ragonevoli illi huwa jkun kkommetta tali reat. Il-privazzjoni tal-liberta' personali f'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad serenament li jkun qieghed isir semplicement ghall-iskop ta' l-edukazzjoni tal-minuri jew ghall-gid taghha, anke jekk dan l-aspett socjali ma jistax jigi ghal kollox injorat, imma jkun qed isir qabel kollox biex jigi assigurat ir-ripristinu ta' l-ordni socjali, il-punizzjoni tad-delitt, il-gusta retribuzzjoni u l-protezzjoni tas-socjeta' kontra l-kommissjoni ta' l-att kriminuz".

Din il-Qorti tasal biex tghid illi fil-kaz odjern – fejn instabu qratas tal-Cannabis fuq il-persuna tal-minuri – ghandu jitqies illi kien fl-interess u ghal gid tal-minuri l-fatt li dan jigi mcahhad mil-liberta' personali tieghu sabiex eventwalment jitressaq quddiem Qorti kompetenti.

Kompliet tghid il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ta' **Ruggier** sup. cit. illi:
"Din il-Qorti tinnota differenza fil-forma aktar milli fis-sustanza bejn l-artikolu 34 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Anke dan l-artikolu jipprojbixxi l-privazzjoni mil-liberta' jekk ma tkunx gustifikata b'wahda minn 6 kategoriji elenkati bhala limitazzjonijiet tad-dritt fondamentali tal-liberta' u sigurta' tal-persuna. Huma nteressanti s-subincizi (c) u (d) ta' dan l-artikolu tal-Konvenzjoni. Subinciz (c) jippermetti: "*The lawful arrest or detention of a person effected for the purpose of bringing him before the competent legal authority on which ......... a suspicion of having committed an offence or when it is reasonably considered necessary to prevent his committing an offence or fleeing after*

*having done so".* Dan is-subinciz hu *su per giu* korrispondenti ghall-paragrafu (f) tas-subinciz (1) ta' l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. Is-subinciz (d) jippermetti *"The detention of a minor by lawful order for the purpose of education and supervision or his lawful detention for the purpose of bringing him before the competent legal authority".* Dan is-subinciz jirregola l-privazzjoni tal-helsien tal-minuri, u filwaqt li hu korrispondenti ghall-paragrafu (g) tas-subincis (1) ta' l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni m'huwiex ko-estensiv mieghu. Dana fis-sens li jidher li hu komprensiv tal-limitazzjonijiet kollha fejn il-minuri seta' jigi mcahhad mil-liberta' personali. Hemm ukoll varjanti ohra interessanti. Filwaqt li fil-paragrafu (c) il-Konvenzjoni titkellem fuq *"The lawful arrest or detention"* ta' persuna biex titressaq quddiem awtorita' gudizzjarja kompetenti biex tirrispondi ghar-reat li kkommettiet jew tkun ser tikkommetti, fil-kaz tal-minuri f'paragrafu (d) il-Konvenzjoni titkellem biss dwar *"detention".* Distinzjoni li ghandha tigi valorizzata pero' li ghall-finijiet prattici ta' din il-kawza ma tantx hi rilevanti inkwantu z-zewg termini jimportaw il-privazzjoni tal-liberta' personali. Anke fir-rigward tal-Konvenzjoni pero' il-gjurisprudenza hi fis-sens li ma kien hemm xejn x'josta li minuri li jkun ikkommetta reat jew ikun ser jikkommetti reat seta' jigi privat mil-liberta personali tieghu biex jingieb quddiem awtorita' gjudizzjarja kompetenti taht is-subinciz (c) bhal kull persuna ohra. *"The second of the two permitted grounds for the detention of a minor is "his lawful detention for the purpose of bringing him before the competent legal authority" The traveaux preparatoire indicate that this wording was intended to cover the situation where a minor is detained with a view to being brought before a Court not on a criminal charge (so that article 5 (1) (c) could apply) but "to secure his removal from harmful surroundings". (***Harris Boyle & Warbrick***, **Law of the European Convention of Human Rights***, p. 97 et seq.)*

Illi r-rikorrenti fir-rikors tieghu jghid illi "ma kenitx haga korretta li l-esponent jigi interrogat dwar r-reat ta' pussess ta' Cannabis fl-assenza ta' xi wiehed mill-genituri tieghu … xejn ma kien jiggustifikah talli naqas li isejjah lil xi hadd

mill-genituri tieghu biex jkun prezenti in vista tal-fatt li kien ghad kellu biss sittax-il sena u tlett xhur".

Illi r-rikorrent bl-ebda mod ma issottometta quddiem din il-Qorti l-ghaliex kellha tigi adoperata din il-procedura suggerita minnu fil-konfront tar-rikorrenti li dak iz-zmien kien minuri, *molto piu* meta tqis illi r-rikorrenti ma ghamel l-ebda allegazzjoni illi huwa gie maltrattat jew li waqt l-interrogatorju kien hemm xi armi, jew tisbit jew ghajjat kif lanqas ma gie pruvat illi r-rikorrenti sofra xi pregudizzju minhabba l-atteggjament tal-pulizija waqt l-arrest tieghu u ghalhekk il-Qorti ma thossx illi r-rikorrenti kellu d-drittijiet tieghu lezi. Illi imkien fil-ligi ma hemm indikat illi l-genituri tal-minuri, jew persuna ohra li jkollha t-tutela ta' l-imsemmi minuri ghandha tkun prezenti waqt l-interrogatorju ghalkemm gieli dan il-kaz – u cioe` li jkun hemm xi hadd adult mal-minuri – jigri u fil-fehma ta' din il-Qorti dan huwa desiderabbli.

Illi r-rikorrenti talab lill-din il-Qorti sabiex tiddikjara li (1) kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem waqt l-interrogatorju tar-rikorrent Matthew Lanzon, (2) li l-istqarrija rilaxxjata minnu tigi dikjarat inamissibbli minhabba li fil-fehma tieghu din giet ottjenuta waqt li kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu naxxenti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-fehma tal-Qorti, minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija, d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Matthew Lanzon ma gewx imcahhda lilu u ghalhekk ma thossx li ghandha tidhol u tiddiskuti l-*ammissibilita' o meno* ta' l-istqarrija rilaxxjata mill-istess Matthew Lanzon peress illi din hija kwistjoni li ghandha tigi finalment deciza mill-Qorti kompetenti. Ghalhekk tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

Illi r-rikorrenti lkoll finalment talbu li huma jinghataw kumpens xieraq ghal dawn il-lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali.

Stante li l-Qorti ghadha kif iddikjarat illi ma gie lez l-ebda dritt fundamentali ta' l-ebda wiehed mir-rikorrenti ma huwiex il-kaz li jinghata kumpens xieraq.

**KONKLUZJONIJIET FINALI:**
Ghaldaqstant din il-Qorti in vista tal-premess tiddikjara illi ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif elenkati fir-rikors promotur taghhom u cioe' dawk naxxenti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja waqt l-interrogatorju tar-rikorrent Matthew Lanzon; tastjeni milli tippronunzja ruhha dwar *l-ammissibbilita` o meno* ta' l-istqarrija rilaxxjata mill-istess rikorrenti Matthew Lanzon sabiex din il-kwistjoni tigi hekk deciza mill-Qorti kompetenti jekk ikun il-kaz; u tichad it-talba tar-rikorrenti ghal ghotja ta' kumpens xieraq.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------